MT

KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 3.6.2009
KUMM(2009) 254 finali

2009/0072 (CNS)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## dwar is-Sena Ewropea ta' Volontarjat (2011)

{SEC(2009)725}

MT MT

## MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

### 1. Id-daħla

Il-volontarjat huwa espressjoni fundamentali tal-parteċipazzjoni ċivika u tad-demokrazija, li jqiegħed il-valuri Ewropej f'azzjoni u li jikkontribwixxi għall-iżvilupp armonjuż tas-soċjetajiet tagħna. Huwa għandu rwol importanti f'setturi tassew varjati u differenti bħalma huma l-edukazzjoni, iż-żgħażagħ, il-kultura, l-isport, l-ambjent, is-saħħa, il-kura soċjali, il-protezzjoni tal-konsumatur, l-għajnuna umanitarja, il-politika tal-iżvilupp, ir-riċerka, l-opportunitajiet indaqs u r-relazzjonijiet esterni. Fl-istess waqt, il-volontarjat huwa wkoll opportunità importanti ta' tagħlim għaliex meta ċ-ċittadini jinvolvu ruħhom fix-xogħol tal-volontarjat dan jagħtihom ħiliet ġodda u jamplifika s-sens tagħhom ta' appartenenza għas-soċjetà.

Għalhekk il-volontarjat għandu benefiċċju doppju: jikkontribwixxi kemm għall-koeżjoni soċjali tas-soċjetà permezz tar-riżultati li jikseb u r-rabtiet ta' solidarjetà li joħloq kif ukoll jgħin lill-voluntiera nfushom billi javvanza l-ħiliet u l-iżvilupp personali tagħhom. Dan il-benefiċċju doppju jagħti kontribut reali għall-aġenda soċjali tal-UE, li għandha l-għan li toħloq aktar opportunitajiet għaċ-ċittadini tal-UE, ittejjeb l-aċċess għal servizzi ta' kwalità u turi solidarjetà ma' dawk li jintlaqtu b'mod negattiv mill-bidla. Fi żminijiet ekonomiċi diffiċli, ikun saħansitra iktar importanti għall-Unjoni Ewropea li tagħraf il-valur tal-volontarjat. Barra dan, minn perspettiva internazzjonali, il-volontarjat huwa espressjoni ta' solidarjetà mad-dinja li qed tiżviluppa u apprezzament tal-interdipendenza tal-komunitajiet kollha f'dinja dejjem iżjed globalizzata.

L-Ewropa għandha tradizzjoni qawwija ta' volontarjat, spiss ibbażat fuq is-sħubija f'organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Matul dawn l-aħħar għexieren ta' snin, il-parteċipazzjoni ċivili għaddiet minn bidla sinifikanti hekk kif is-soċjetajiet resqu lejn individwaliżmu ikbar u qiegħdu aktar enfasi fuq il-valuri tal-awtonomija u l-awtoespressjoni. Dan huwa sfida għall-volontarjat, minħabba li dan is-settur issa jrid jadatta għal tipi u forom ġodda ta' parteċipazzjoni, spiss ikkaratterizzati minn impenn selettiv, u li jifrex fuq medda qasira ta' żmien. Fil-livell nazzjonali, l-Istati Membri u partijiet interessati oħra jeħtieġu jimmodernizzaw il-politiki u l-infrastruttura tagħhom biex jippermettu aktar nies jivvolontarjaw f'modi u fi stadji differenti f'ħajjithom. Hemm il-ħtieġa li jiġi żviluppat il-volontarjat appoġġjat minn min iħaddem biex jinstabu modi ġodda biex jinvolvu ż-żgħażagħ u biex jiġi skopert kif jista' jinħareġ il-potenzjal ta' nies li huma akbar fl-età.

Sena Ewropea ta' Volontarjat għandha tfittex li tippromwovi djalogu aktar profond u strutturat u skambju tal-prassi t-tajba dwar dawn il-kwistjonijiet bejn l-awtoritajiet u partijiet interessati oħra fl-Istati Membri. Għalhekk għandha tgħin biex ittejjeb il-kundizzjonijiet għall-volontarjat fl-Unjoni Ewropea.

### 2. Sena Ewropea tal-Volontarjat

#### 2.1. L-opportunitajiet u l-isfidi

L-Istati Membri tal-UE għandhom diversità għanja ta' tradizzjonijiet, perċezzjonijiet, kulturi u oqfsa legali fir-rigward tal-volontarjat. Iżda, minkejja d-differenza fis-sitwazzjonijiet nazzjonali, madwar l-Ewropa kollha n-nies jieħdu sehem fil-volontarjat għal bażikament l-istess valuri u raġunijiet fundamentali. Li jgħinu lill-oħrajn huwa importanti għalihom u l-benefiċċji għas-soċjetà huma ċari. L-attivitajiet volontarji jnaqqsu r-razziżmu u l-preġudizzju

u jikkontribwixxu għal djalogu interkulturali u inter-reliġjuż. Il-volontarjat jinkludi l-etajiet kollha u għalhekk għandu l-potenzjal li jrawwem solidarjetà interġenerazzjonali. Il-parteċipazzjoni attiva taż-żgħażagħ fis-soċjetà tista' titrawwem permezz tal-volotarjat. Huwa juri wkoll potenzjal qawwi fir-rigward tal-promozzjoni ta' tixjiħ b'mod attiv u fl-indirizzar tal-bidla demografika minnħabba li jagħti l-opportunità li tintuża l-esperjenza ta' nies akbar fl-età għall-benefiċċju tas-soċjetà.

Il-kumpaniji jsibu valur fl-appoġġ tal-attività tal-volontarjat, spiss bħala parti mill-istrateġiji tagħhom għar-responsabilità soċjali tal-korporazzjonijiet. Permezz tad-dimensjoni tiegħu ta' tagħlim u permezz tal-ħiliet li jipprovdi, il-volontarjat itejjeb il-kapaċità tan-nies li jimpjegaw ruħhom. Jista' wkoll iservi ta' pass fid-direzzjoni ta' impenn attiv matul perjodi ta' qgħad, billi jgħin li n-nies jevitaw l-emarġinazzjoni, ilaħħmu l-*curriculum vitae* tagħhom mil-lat ta' kandidati għax-xogħol u jiffaċilita l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol. Dan huwa partikolarment indispensabbli llum hekk kif is-soċjetajiet qed jiffaċċjaw il-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika globali.

Iżda hekk kif is-soċjetà tinbidel, bl-istess mod jinbidlu r-rekwiżiti min-nies fir-rigward tal-edukazzjoni, il-karrieri u l-ħin li jistgħu jiddedikaw għall-familji tagħhom u għall-mistrieħ. Dawn il-bidliet jaffetwaw lin-nies fir-rigward ta' kemm jistgħu jiddedikaw ħin għall-volotarjat, meta u kif iridu jivvolontarjaw, u x'jistennew mill-organizzazzjonijiet li jivvolontarjaw li jgħinu. L-awtoritajiet kompetenti u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-Istati Membri kollha jiffaċċjaw, fi gradi differenti, l-istess sfidi biex iħeġġu aktar nies biex jivvolontarjaw, u jagħmluha aktar faċli għalihom biex jagħtu kontribut, filwaqt li jiżguraw standards xierqa għall-attivitajiet imwettqa. Iridu jiġu żviluppati inċentivi xierqa għal individwi u kumpaniji. Għandu jintlaħaq il-bilanċ ġust bejn li jinkiseb grad aqwa ta' professjonalità u l-preservazzjoni tal-libertà u l-flessibilità li huma l-karatteristiċi tant apprezzati ta' dan is-settur. Fl-Istati Membri kollha hemm ukoll ostakli reali li jwaqqfu r-realizzazzjoni tal-impatt pożittiv potenzjali tal-volontarjat, bħalma huma n-nuqqas ta' għarfien mil-opinjoni pubblika, in-nuqqas ta' tagħrif u ta' sistemi ta' appoġġ (taħriġ eċċ.), dispożizzjonijiet legali skoraġġanti, skemi internazzjonali ta' skambju limitati u n-nuqqas ta' status legali.

L-organizzazzjonijiet Ewropej ta' volontarjat huma konxji mill-fatt li l-ħiliet u l-kwalifiki tal-volontiera mhux dejjem jaqblu mal-ħtiġijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Minkejja dan, fejn ingħatat attenzjoni biex jitqabblu l-ħiliet u l-esperjenza tal-volontiera mal-ħtiġijiet tal-iżvilupp ta' grupp jew komunità partikolari, il-volontiera fil-biċċa l-kbira jkunu kapaċi jagħtu kontributi sinifikanti għat-titjib tal-kwalità tal-ħajja tal-komunità jew li jiżvelaw firxa aqwa ta' opportunitajiet f'dinja dejjem iżjed globalizzata.

Il-volontarjat għad fadallu mhux ftit biex jilħaq il-potenzjal tiegħu. Għalkemm tliet Ewropej minn kull għaxra jivvolontarjaw b'mod attiv, kważi tmienja minn kull għaxra jqisu li jgħinu lil ħaddieħor bħala parti importanti f'ħajjithom. Il-lakuna bejn il-volontiera reali u potenzjali hija saħansitra aktar sinifikanti fost iż-żgħażagħ: għalkemm 16 % taż-żgħażagħ Ewropej biss huma impenjati f'attivitajiet ta' volontarjat, kważi tlieta minn kull erbgħa huma favur li jsiru aktar programmi li jħeġġu x-xogħol disponibbli ta' volontarjat. Id-differenzi kbar bejn pajjiżi jixhdu kemm il-ħtieġa għal tagħlim reċiproku kif ukoll il-potenzjal tiegħu. Il-potenzjal veru jista' jinħareġ ukoll billi tiżdied il-mobilità tal-volontiera fl-Unjoni Ewropea.

Għalhekk neħtieġu li niffaċilitaw it-tagħlim *inter pares* u l-għarfien tal-opinjoni pubblika b'mod li jifrex mal-Ewropa kollha biex tingħata spinta l-professjonalizzazzjoni tas-settur, biex l-Istati Membri u s-soċjetà ċivili jkunu jistgħu jilħqu b'mod aħjar l-isfidi msemmija hawn fuq.

Dan għandu jgħin biex jinħareġ il-potenzjal tal-volontarjat fl-Ewropea u biex jaċċellera l-proċess li jwassal l-għanijiet soċjali tal-Unjoni

## 2.2. L-għanijiet u l-attivitajiet

Skont l-aġenda soċjali mġedda tal-UE, l-iskop globali tas-Sena Ewropea se jkun li jitħeġġu u jiġu appoġġjati - notevolment permezz ta' skambju tal-esperjenza u l-prassi t-tajba - l-isforzi magħmula mill-Istati Membri, l-awtoritajiet lokali u reġjonali u s-soċjetà ċivili biex joħolqu l-kundizzjonijiet li jwasslu għall-volontarjat fl-Unjoni Ewropea. Qed jiġu proposti erba' għanijiet:

(1) **Issir ħidma għal ambjent li jiffaċilita l-volontarjat fl-UE -** Li l-volontarjat jiġi stabbilit bħala parti mill-promozzjoni tal-parteċipazzjoni ċivili u l-attivitajiet min-nies għan-nies fil-kuntest tal-UE;

(2) **Jissawru bis-setgħa organizzazzjonijiet tal-volontiera u tittejjeb il-kwalità tal-volontarjat** - Biex jiġi ffaċilitat il-volontarjat u biex jitħeġġu n-netwerking, il-mobilità, il-kooperazzjoni u s-sinerġiji bejn l-organizzazzjonijiet tal-volontarjat u setturi oħra fil-kuntest tal-UE;

(3) **Jiġu ppremjati u rikonoxxuti l-attivitajiet ta' volontarjat** - Biex jitħeġġu inċentivi xierqa għall-individwi, il-kumpaniji u l-organizzazzjonijiet tal-iżvilupp tal-volontarjat u biex jintrebaħ aktar għarfien sistematiku għall-volontarjat minn min ifassal il-politika, mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u minn min iħaddem għal ħiliet u kompetenzi żviluppati permezz tal-volontarjat.

(4) **Jitqajjem għarfien tal-opinjoni pubblika dwar il-valur u l-importanza tal-volontarjat** - Biex jitqajjem għarfien ġenerali tal-opinjoni pubblika dwar l-importanza tal-volontarjat bħala espressjoni tal-parteċipazzjoni ċivika u bħala eżempju ta' attività min-nies għan-nies li tikkontribwixxi għal kwistjonijiet li huma ta' interess komuni tal-Istati Membri kollha, bħalma huma żvilupp armonjuż tas-soċjetà u koeżjoni ekonomika.

Skont dawn l-għanijiet, l-attivitajiet tas-Sena għandhom jiffukaw fil-livell Ewropew fuq l-iskambju tal-aqwa prassi u fuq il-komunikazzjoni u l-miżuri li jqajmu għarfien tal-opinjoni pubblika, bħalma huma okkażjonijiet ta' viżibilità għolja li jinvolvu l-partijiet interessati kollha. Attivitajiet simili se jiġu amministrati fl-Istati Membri permezz tal-istrutturi nazzjonali ta' koordinazzjoni. Aspett importanti se jkun il-mobilizzazzjoni tal-organizzazzjonijiet ta' volontarjat u ta' partijiet interessati oħra biex jitniedu u jissuktaw skemi matul is-Sena.

Il-volontarjat huwa parti essenzjali ta' bosta programmi tal-komunità li fil-biċċa l-kbira jippromwovu l-mobilità tal-voluntiera, bħalma huwa l-programm ta' Iż-Żgħażagħ Attivi-notevolment permezz tas-Servizz Ewropew tal-Volontarjat — il-programm ta' tagħlim li jissokta matul il-Ħajja u l-programm L-Ewropa għaċ-Ċittadini. Organizzazzjonijiet attivi f'dan il-qasam jirċievu appoġġ mill-UE wkoll fl-oqsma tal-għajnuna umanitarja, il-politika tal-iżvilupp, id-drittijiet tal-bniedem, is-saħħa u l-ambjent u l-protezzjoni tal-konsumatur. Għalhekk din il-proposta tibni fuq l-isforzi ta' mobilizzazzjoni li saru permezz ta' programmi oħra tal-UE li se jkunu mezzi importanti għall-implimentazzjoni tas-Sena. Skemi ta' komunikazzjoni u li jqajmu l-għarfien tal-opinjoni pubblika matul is-Sena se jkunu komplementati minn impetu awtoġenerattiv ta' proġetti konkreti relatati mal-volontarjat f'bosta setturi. Dawn il-proġetti kollha (u l-programmi li jappoġġjawhom) se jibbenefikaw

mill-viżibilità addizzjonali li se ttihom it-tabella 'Sena Ewropea tal-Volontarjat' u mill-kampanja biex tqajjem l-għarfien tal-opinjoni pubblika.

## 3. Il-Konsultazzjonijiet

Il-Kummissjoni kienet għal xi żmien mhux ħażin qed tikkontempla r-rwol aqwa li tista' tieħu l-Ewropa fil-qasam tal-volontarjat. Is-Servizz Ewropew tal-Volontarjat ġie stabbilit fl-1996. Mill-2002 'il hawn il-volontarjat kien karatteristika ewlenija tal-politika taż-żgħażagħ u wieħed mill-għanijiet komuni miftiehma fil-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni dwar il-politiki taż-żgħażagħ. Il-Kummissjoni kkonsultat ukoll il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew f'April 2006 dwar id-direzzjoni futura tal-volontarjat. Fl-opinjoni tiegħu ta' Diċembru 2006[1] il-Kumitat irrakkomanda attivitajiet fil-livell Ewropew biex iqajmu għarfien tal-opinjoni pubblika dwar l-importanza tal-volontarjat. L-idea sabet appoġġ kbir minn partijiet interessati ewlenin u l-Parlament Ewropew, li adotta Riżoluzzjoni[2] għal dan il-għan f'Lulju 2008 li titlob biex l-2011 tiġi ddedikata bħala s-Sena Ewropea tal-Volontarjat.

Il-Kummissjoni kellha diskussjonijiet regolari, diskussjonijiet Barra minn dan, għadd ta' konsultazzjonijiet riċenti koprew kwistjonijiet marbuta mal-volontarjat:

- konsultazzjonijiet relatati mal-programmi attwali tal-Kummissjoni dwar ċittadinanza attiva, iż-żgħażagħ, il-kultura u t-tagħlim li jissokta matul il-ħajja (l-edukazzjoni u t-taħriġ),
- il-proċess ta' konsultazzjoni li ġie organizzat bħala parti mill-preparazzjonijiet għall-qafas il-ġdid Ewropew dwar kooperazzjoni tal-politika taż-żgħażagħ fil-Ħarifa tal-2008.

Ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet jindikaw li proposta għal Sena Ewropea tal-Volontarjat għandha tintlaqa' tajjeb mill-partijiet kollha interessati. Il-partijiet interessati enfasizzaw il-potenzjal li tiġi dedikata Sena Ewropea mil-lat ta' komunikazzjoni u mobilizzazzjoni u taw suġġerimenti utli dwar l-għan u t-tfassil tal-inizjattiva. Ir-riżultati tad-diskussjonijiet mal-partijiet interessati ntużaw biex jiddefinixxu l-għanijiet u l-punti ta' azzjoni għas-Sena Ewropea. Iż-żmien li jwassal għas-Sena Ewropea se jġib opportunitajiet ulterjuri għal firxa wiesgħa ta' partijiet interessati biex jikkontribwixxu għat-tfassil u l-preparazzjoni tagħha.

## 4. Il-pertinenza tal-istrument propost, is-sussidjarjetà u l-valur miżjud tal-involviment tal-UE

L-Unjoni Ewropea għandha kompetenza limitata fil-qasam tal-volontarjat u l-azzjoni tagħha ma għandhiex tmur lil hinn mill-appoġġ tal-isforzi tal-Istati Membri. Sena Ewropea ta' Volontarjat, b'rispett lejn il-prinċipju tas-sussidjarjetà, hija mezz xieraq biex tindirizza l-isfidi ppreżentati hawn fuq.

L-iskambju tal-informazzjoni u li jitqajjem l-għarfien tal-opinjoni pubblika dwar il-potenzjal għal użu aqwa tal-volontarjat bħala għamla ta' parteċipazzjoni ċivika se jgħinu lill-UE tikseb l-għanijiet tagħha, pereżempju li jittejbu l-istandard tal-għajxien u l-kwalità tal-ħajja, il-kontribut ta' livell għoli ta' impjieg, it-titjib tal-koeżjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali.

---

1 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew: 'Voluntary activity: its role in European society and its impact', Doc. SOC/243 — CESE 1575/2006.

2 Id-Dikjarazzjoni bil-Mitkub 0030/2008 tal-15 ta' Lulju 2008.

Biex tikseb dawn il-miri u l-għanijiet Komunitarji msemmija hawn fuq, jeħtieġ li jittieħdu miżuri koerenti li jinvolvu nies tal-gruppi kollha ta' età u li jirriflettu n-natura multidimensjonali tal-volontarjat, li tmur lil hinn mill-aspetti ta' edukazzjoni jew ta' inklużjoni soċjali. Minkejja dan, it-Trattat ma jagħtix b'mod espliċitu s-setgħat biex tissaħħaħ din l-azzjoni. Għalhekk il-Kummissjoni qed tipproponi li s-Sena Ewropea tal-Volontarjat tiġi bbażata fuq l-Artikolu 308 tat-Trattat, li skontu l-Kunsill jista' jieħu miżuri xierqa, filwaqt li jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

Is-Sena Ewropea se tiġi implimentata f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili f'livelli differenti.

L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jinkisbu sa grad biżżejjed unikament permezz ta' azzjoni mill-Istati Membri, minħabba li azzjoni fil-livell nazzjonali waħdu ma jirbaħx il-benefiċċji tal-iskambji, il-kondiviżjoni tal-esperjenzi u l-prassi t-tajba madwar l-UE kollha tal-Istati Membri. Il-koordinazzjoni fil-livell tal-UE żżid dimensjoni Ewropea u tgħin biex iżżid l-impatt tas-Sena Ewropea mil-lat ta' żieda tal-għarfien tal-opinjoni pubblika, il-viżibilità u l-iskambju transnazzjonali tal-ideat u l-prassi t-tajba.

Is-Sena Ewropea tal-Volontarjat tista' tiġġenera dibattiti ta' politiki, tħeġġeġ it-tagħlim *inter pares* madwar l-organizzazzjonijiet tal-iżvilupp tal-volontiera u tagħti spinta l-iskambju tal-aqwa prassi bejn l-Istati Membri biex toħloq kundizzjonijiet favorevoli għall-volontarjat, fejn opportunitajiet imtejba u aktar aċċessibbli jikkorrispondu għar-rieda tn-nies li jimpenjaw ruħhom f'attivitajiet volontarji.

Is-Sena għandha tqajjem kuxjenza tal-valur ta' volontarjat biex irawwem il-koeżjoni soċjali u jtejjeb il-kapaċità ta' persuna biex timpjega ruħha. F'dan is-sens hija tinidirizza problemi li qed jiffaċċjaw l-Istati Membri. Hija għandha tamplifika s-sens ta' appartenenza u ta' impenn taċ-ċittadini għas-soċjetà tagħhom fil-livelli kollha — lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej. Permezz tal-iskambju transnazzjonali tal-ideat u l-kooperazzjoni, is-Sena Ewropea għandha tenfasizza r-rabta bejn l-impenn volontarju fil-livell lokali u s-sinifikat tiegħu fil-kuntest Ewropew usa'.

Billi jieħdu sehem fis-Sena Ewropea, il-volontiera, l-organizzazzjonijiet tal-volontiera u partijiet oħra interessati fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew se jkollhom impatt aqwa u se jingħarfu mill-opinjoni pubblika b'mod usa' għall-isforzi tagħhom. Is-Sena għandha tiġġenera impetu awtoġenerattiv ta' attivitajiet u għalhekk għandha tgħin biex tagħti spinta l-impatt tal-politiki eżistenti dwar il-volontarjat.

## 5. Il-baġit u l-implimentazzjoni

Il-Kummissjoni għandha timplimenta d-deċiżjoni fil-livell ta' Komunità. L-Istati Membri għandhom ikunu involuti sewwa fl-implimentazzjoni tas-sena permezz tal-korpi nazzjonali tagħhom ta' koordinazzjoni li se jirċievu kofinanzjament mill-Komunità. Il-Kummissjoni għandha wkoll torganizza laqgħat tal-koordinaturi nazzjonali biex tikkoordina l-implimentazzjoni. Fid-dawl tal-baġit żgħir, il-proposta ma tipprevedix li jkun hemm Kumitat formali involut fl-implimentazzjoni.

Fil-livell ta' Komunità, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni għandhom jiġu assoċjati fl-attivitajiet tas-Sena Ewropea.

Il-baġit għas-Sena Ewropea 2011 se jkun EUR 6 000 000. Barra minn hekk, il-Kummissjoni pproponiet l-allokazzjoni ta' EUR 2 000 000 permezz tal-abbozz preliminari tal-baġit għas-sena 2010 biex jitwettaq xogħol preparatorju.

2009/0072 (CNS)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## dwar is-Sena Ewropea ta' Volontarjat (2011)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 308 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[3],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[4],

Billi:

(1) Il-Komunità u l-Istati Membri jimmiraw li jippromwovu l-iżvilupp tar-riżorsi umani bil-ħsieb ta' livell għoli ta' impjieg u billi jiġġieldu kontra l-esklużjoni soċjali.

(2) Skont l-Artikolu 3.1(q) tat-Trattat, il-Komunità tikkontribwixxi għall-edukazzjoni u t-taħriġ ta' kwalità.

(3) Il-volontarjat jikkostitwixxi esperjenza mhux formali ta' tagħlim li tippermetti kemm l-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi professjonali kif ukoll għamla ewlenija ta' parteċipazzjoni ċivika attiva. L-azzjonijiet imwettqa mill-volontiera ta' kull età huma kruċjali għall-iżvilupp ta' demokrazija, wieħed mill-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u jikkontribwixxu għall-iżvilupp tar-riżorsi umani u għal koeżjoni soċjali.

(4) F'soċjetajiet li jinbidlu b'rata mgħaġġla teżisti l-ħtieġa li tiġi żgurata l-effettività ta' infrastruttura li tappoġġja l-volontarjat biex tippermetti lil aktar nies jimpenjaw ruħhom f'attivitajiet volontarji. Għalhekk importanti li jiġi appoġġjat it-tagħlim *inter pares* u l-iskambju tal-aqwa prassi fil-livell ta' Komunità.

(5) Il-Konferenza Intergovernattiva tal-1997 adottat id-Dikjarazzjoni 38 dwar il-volontarjat[5], li kienet marbuta mal-att finali tat-Trattat ta' Amsterdam u għarfet il-kontribut magħmul mill-attivitajiet ta' servizz tal-volontarjat għall-iżvilupp ta' solidarjetà soċjali.

---

3 ĠUC, ,p..

4 ĠUC, ,p..

5 Id-Dikjarazzjoni 38 dwar attivitajiet ta' servizz ta' volontarjat, ara: http://eur-lex.europa.eu/en/treaties/dat/11997D/htm/11997D.html.

(6) Fil-Komunikazzjoni tagħha ta' Ġunju 1997 dwar il-promozzjoni tar-rwol tal-organizzazzjonijiet u fondazzjonijiet volontarji fl-Ewropa,[6] il-Kummissjoni enfasizzat tliet aspetti tal-organizzazzjonijiet u fondazzjonijiet volontarji. l-aspett ekonomiku tal-ħolqien tal-impjiegi, l-aspett soċjali ta' għajnuna għad-definizzjoni ta' politiki soċjali u permezz ta' hekk kontribut għall-progress soċjali u l-aspett politiku, it-trawwim ta' demokrazija, ta' ċittadinanza u ta' parteċipazzjoni ċivika.

(7) Wara l-White Paper dwar iż-Żgħażagħ 2001,[7] il-volontarjat ġie rikonoxxut fl-2002 mill-Istati Membri bħala aspett ewlieni tal-politika taż-żgħażagħ u l-Istati Membri qablu dwar għanijiet komuni għal attivitajiet volontarji taż-żgħażagħ fi ħdan il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni għaż-Żgħażagħ[8].

(8) F'Diċembru 2006, il-Kumitat Ewropew u l-Kumitat Ekonimiku u Soċjali Ewropew talab lill-Kummissjoni 'biex tħabbar Sena ta' Volontiera, u tippubblika White Paper dwar attività ta' volontarjat u ċittadinanza attiva fl-Ewropa mal-ewwel opportunità li jkollha'[9].

(9) F'Marzu 2008, il-Parlament Ewropew adotta rapport dwar "Ir-rwol tal-volontarjat fil-kontribut għall-koeżjoni ekonomika u soċjali' li ħeġġeġ l-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali biex jagħrfu l-valur tal-volontarjat fil-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali u ekonomika.[10]

(10) F'Lulju 2008 l-Parlament Ewropew adotta Dikjarazzjoni bil-miktub li titlob għal Sena Ewropea tal-Volontarjat fl-2011.[11]

(11) Fl-20 ta' Novembru 2008, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni dwar il-mobilità tal-voluntiera żgħażagħ madwar l-Ewropa kollha, li timmira li żżid il-volontarjat transkonfinali fost iż-żgħażagħ fi ħdan l-UE.[12]

(12) Il-volontarjat huwa fil-mira ta' bosta programmi komunitarji li jiffukaw fuq il-mobilità tal-voluntiera, bħalma huwa l-programm ta' Iż-Żgħażagħ jieħdu Azzjoni, il-programm ta' Tagħlim li Jissokta matul il-Ħajja u l-programm L-Ewropa għaċ-Ċittadini.

(13) Teżisti firxa kbira ta' attivitajiet ta' volontarjat madwar l-Ewropa kollha li għandha tiġi ppreservata u żviluppata b'mod ulterjuri.

(14) Il-volontarjat għandu l-potenzjal li jikkontribwixxi għall-iżvilupp armonjuż tas-soċjetajiet Ewropej. Attivitajiet volontarji jikkostitwixxu esperjenza għanja ta' tagħlim mhux formali li ssaħħaħ il-ħiliet u l-kompetenzi professjonali taż-żgħażagħ, tikkontribwixxi għall-kapaċità ta' dak li jkun biex jimpjega ruħu u għas-sens ta'

---

[6] Doc. COM (97) 241 finali tas-06.06.1997;.
[7] Dokument 'A new impetus for European youth', COM(2001) 681 finali tal-21.11.2001.
[8] Dokument COM(2004) 337 finali.
[9] Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew: 'Voluntary activity: its role in European society and its impact', Doc. SOC/243 — CESE 1575/2006.
[10] Doc. A6/0070/2008, Report on the role of volunteering in contributing to economic and social cohesion' <DocRef>(2007/2149(INI)), </DocRef><Commission>Committee on Regional Development, relatur: Marian Harkin.
[11] Id-Dikjarazzjoni bil-Mitkub 0030/2008 tal-15 ta' Lulju 2008.
[12] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2008 dwar il-mobilità tal-volontiera żgħażagħ madwar l-Unjoni Ewropea (2008/C 319/03).

solidarjetà, tiżviluppa kapaċitajiet soċjali, twitti t-triq għall-integrazzjoni fis-soċjetà, u trawwem il-parteċipazzjoni ċivika.

(15) Minkejja dan, il-potenzjal tal-volontarjat għadu ma ntlaħaqx kompletament. Sena Ewropea ta' Volontarjat għandha tipprovdi l-opportunità biex jintwera fil-kuntest Ewropew li l-volontarjat iżid il-parteċipazzjoni ċivika. Hija tista' tgħin biex trawwem sens ta' appartenenza u ta' impenn taċ-ċittadini għas-soċjetà tagħhom fil-livelli kollha — lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej.

(16) Is-Sena 2011 se tkun l-għaxar Anniversarju tas-Sena Internazzjonali tal-Volontarjat 2001 tan-Nazzjonijiet Uniti.

(17) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi pakkett finanzjarju, li għandu jikkostitwixxi r-referenza prinċipali għall-awtorità baġitarja fis-sens tal-punt 37 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja soda[13].

(18) L-għanijiet tas-Sena Ewropea proposta ma jistgħux jintlaħqu għal kollox fil-livell tal-Istati Membri minħabba l-bżonn ta' skambju transnazzjonali u tixrid ta' informazzjoni madwar il-Komunità kollha ta' prassi tajba, u għalhekk jistgħu, minħabba l-iskala tal-azzjoni proposta, jintlaħqu aħjar fil-livell Komunitarju. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-KE, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawk l-għanijiet.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

***Is-suġġett***

Is-sena 2011 se tkun iddedikata bħala "Is-Sena Ewropea tal-Volontarjat" (minn hawn 'il quddiem "Is-Sena Ewropea").

*Artikolu 2*

**L-għanijiet**

L-iskop globali tas-Sena Ewropea se jkun li jitħeġġu u jiġu appoġġjati - notevolment permezz ta' skambju tal-esperjenza u l-prassi t-tajba - l-isforzi magħmula mill-Istati Membri, l-awtoritajiet lokali u reġjonali u s-soċjetà ċivili biex joħolqu l-kundizzjonijiet li jwasslu għall-volontarjat fl-Unjoni Ewropea.

L-għanijiet tas-Sena Ewropea għandhom ikunu biex:

1. **Issir ħidma għal ambjent li jiffaċilita l-volontarjat fl-UE -** Li l-volontarjat jiġi stabbilit bħala parti mill-promozzjoni tal-parteċipazzjoni ċivika u tal-attivitajiet min-nies għan-nies fil-kuntest tal-UE.

---

13 ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

2. **Jissawru bis-setgħa organizzazzjonijiet tal-volontiera u tittejjeb il-kwalità tal-volontarjat** - Biex jiġi ffaċilitat il-volontarjat u biex jitħeġġu n-netwerking, il-mobilità, il-kooperazzjoni u s-sinerġiji bejn l-organizzazzjonijiet tal-volontarjat u setturi oħra fil-kuntest tal-UE.

3. **Jiġu ppremjati u rikonoxxuti l-attivitajiet ta' volontarjat** - Biex jitħeġġu inċentivi xierqa għall-individwi, il-kumpaniji u l-organizzazzjonijiet tal-iżvilupp tal-volontarjat u biex jintrebaħ aktar għarfien sistematiku għall-volontarjat fil-livell tal-UE minn min ifassal il-politika, mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u minn min iħaddem għal ħiliet u kompetenzi żviluppati permezz tal-volontarjat.

4. **Jitqajjem għarfien tal-opinjoni pubblika dwar il-valur u l-importanza tal-volontarjat** - Biex jitqajjem għarfien ġenerali tal-opinjoni pubblika dwar l-importanza tal-volontarjat bħala espressjoni tal-parteċipazzjoni ċivika u eżempju ta' attività min-nies għan-nies li tikkontribwixxi għal kwistjonijiet li huma ta' interess komuni tal-Istati Membri kollha, bħalma huma żvilupp armonjuż tas-sċjetà u koeżjoni ekonomika

*Artikolu 3*

**L-inizjattivi involuti**

1. Il-miżuri li għandhom jittieħdu biex jintlaħqu l-għanijiet stipulati fl-Artikolu 2 għandhom jinkludu l-attivitajiet li ġejjin f'livell Komunitarju, nazzjonali, reġjonali jew lokali marbuta mal-għanijiet tas-Sena Ewropea:

- l-iskambju tal-esperjenza u tal-prassi t-tajba;
- it-tixrid ta' riżultati ta' studji u riċerka relatata;
- il-konferenzi, l-okkażjonijiet u l-inizjattivi biex jippromwovu d-diskussjoni u jqajmu għarfien tal-opinjoni pubblika dwar l-importanza u l-valur tal-volontarjat u biex jonoraw l-isforzi tal-volontiera;
- kampanji ta' tagħrif u ta' promozzjoni biex jinxterdu l-messaġġi ewlenin.

2. Id-dettalji tal-inizjattivi msemmija fil-paragrafu 1 huma stipulati fl-Anness.

*Artikolu 4*

**Il-kooperazzjoni mal-Istati Membri**

Kull Stat Membru għandu jaħtar korp responsabbli milli jorganizza l-parteċipazzjoni tiegħu fis-Sena Ewropea (minn issa 'l quddiem il-korp nazzjonali ta' koordinazzjoni). Huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni b'din il-ħatra fi żmien xahar mill-adozzjoni tad-din id-Deċiżjoni.

Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-korp imsemmi qabel jinvolvi kif xieraq firxa wiesgħa ta' partijiet interessati fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali.

Il-korp nazzjonali ta' koordinazzjoni għandu jkun responsabbli għall-abbozzar tal-programmi/azzjonijiet nazzjonali u prijoritajiet tas-Sena skont l-għanijiet elenkati fl-Artikolu 2 u skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-Anness.

*Artikolu 5*

**Il-koordinazzjoni fil-livell Komunitarju u l-implimentazzjoni**

Il-Kummissjoni għandha torganizza laqgħat tal-koordinaturi nazzjonali biex tikkoordina l-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea u biex isir skambju tat-tagħrif dwar l-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali.

Il-Kummissjoni għandha wkoll torganizza laqgħat ta' rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet jew korpi Ewropej attivi fil-qasam tal-volontarjat u partijiet interessati biex jgħinu l-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea fil-Livell Komunitarju.

Il-Kummissjoni għandha timplimenta d-Deċiżjoni attwali fil-livell ta' Komunità.

L-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni għandhom jiġu assoċjati fl-attivitajiet.

*Artikolu 6*

**Id-dispożizzjonijiet finanzjarji**

1. Il-miżuri li huma min-natura tagħhom mifruxa mal-Komunità kollha, imsemmija fil-Parti A tal-Anness iwasslu għal sejħa għall-offerti jew għal għotja ta' sussidji finanzjarji mill-baġit ġenerali tal-UE.
2. Il-miżuri li huma min-natura tagħhom mifruxa mal-Komunità kollha, imsemmija fil-Parti B tal-Anness jistgħu jiġu ssussidjati mill-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.
3. Il-Kummissjoni tista' tagħti sussidju għal kull koordinatur nazzjonali kif previst fl-Artikolu 14 skont il-proċedura msemmija fil-parti C tal-Anness.

.

*Artikolu 7*

**Il-baġit**

1. Il-baġit għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011 huwa EUR 6 000 000.

2. L-approprjazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fil-limiti tal-qafas finanzjarju.

*Artikolu 8*

**Il-kooperazzjoni internazzjonali**

Għall-finijiet tas-Sena Ewropea, il-Kummissjoni tista' tikkoopera mal-organizzazzjonijiet internazzjonali xierqa, b'mod partikolari n-Nazzjonijiet Uniti u l-Kunsill tal-Ewropa, filwaqt li tieħu ħsieb li tiżgura l-viżibilità tal-parteċipazzjoni tal-UE.

*Artikolu 9*

**Il-konsistenza u l-kumplementarjetà**

Il-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri għandha tiżgura li l-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jkunu konsistenti ma' skemi u inizjattivi Komunitarji, nazzjonali, u reġjonali li jgħinu l-kisba tal-għanijiet tas-Sena Ewropea.

*Artikolu 10*

**Il-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Komunità**

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li, meta jiġu implimentati azzjonijiet iffinanzjati skont id-Deċiżjoni attwali, l-interessi finanzjarji tal-Komunità huma mħarsa bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kull attività illegali oħra, b'kontrolli effettivi u bl-irkupru tal-ammonti mħallsa u mhux dovuti u, jekk jinkixfu irregolaritajiet, permezz ta' penalitajiet effettivi, proporzjonali u dissważivi, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea[14] u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra[15], u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)[16].

2. Fir-rigward tal-azzjonijiet Komunitarji li jkunu ffinanzjati skont din id-Deċiżjoni, il-kunċett ta' irregolarità msemmi fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 għandu jfisser kwalunkwe ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi Komunitarja jew kwalunkwe ksur ta' obbligu kuntrattwali li jkun ġej minn att jew ommissjoni minn operatur ekonomiku, li jkollu, jew jista' jkollu, l-effett li jippreġudika l-baġit ġenerali tal-Komunitajiet jew il-baġits amministrati minnhom, minħabba punt ta' nefqa mhux iġġustifikat.

3. Il-Kummissjoni għandha tnaqqas, tissospendi jew tirkupra l-ammont ta' għajnuna finanzjarja mogħtija għal azzjoni jekk hi ssib xi irregolaritajiet, partikolarment nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni jew mad-deċiżjoni individwali jew il-kuntratt li jagħti l-appoġġ finanzjarju relevanti, jew jekk jinstab li, mingħajr ma tkun intalbet l-approvazzjoni tal-Kummissjoni, l-azzjoni kienet suġġetta għal tibdil sinifikanti li ma jaqbilx man-natura tagħha jew mal-kundizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha.

4. Jekk ma jkunux ġew osservati l-limiti ta' żmien jew jekk parti biss mill-għajnuna finanzjarja allokata tkun ġustifikata mill-progress li jkun sar bl-implimentazzjoni ta' azzjoni, il-Kummissjoni għandha titlob lill-benefiċjarju biex jippreżenta

14 ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.
15 ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.
16 ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1

osservazzjonijiet fi żmien perjodu speċifikat. Jekk il-benefiċjarju ma jagħtix tweġiba sodisfaċenti, il-Kummissjoni tista' tirrevoka l-għajnuna finanzjarja li jifdal u titlob il-ħlas lura tas-somom diġà mħallsa.

5. Kwalunkwe ammont li ma kellux jitħallas ikollu jintradd lill-Kummissjoni. Għandu jiżdied l-imgħax ma' kwalunkwe somom li ma jitħallsux lura fi żmien xieraq fil-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju.

*Artikolu 11*

**Il-monitoraġġ u l-valutazzjoni**

Sal-31 ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-valutazzjoni kumplessiva tal-azzjonijiet previsti minn din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 12*

**Id-dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, […]

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
*[...]*

# ANNESS

IL-MIŻURI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 3

Bħala prinċipju ta' gwida, l-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea tal-Volontarjat għandha tibni fuq is-sjieda, il-mobilizzazzjoni fuq skala kbira u l-involviment attiv tas-soċjetà ċivili u partijiet interessati oħra. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni għandha titwettaq permezz tal-miżuri li ġejjin:

**A. L-INIZJATTIVI DIRETTI TAL-KOMUNITÀ**

Il-finanzjament għandu ġeneralment jieħu l-forma ta' akkwist dirett tal-prodotti u s-servizzi skont l-oqsfa attwali tal-kuntratti.

**1.** ***Il-kampanji ta' tagħrif u ta' promozzjoni jinkludu:***

- okkażjonijiet u forums ta' viżibilità għolja għall-iskabju tal-esperjenza u l-prassi t-tajba;
- kompetizzjoni bi premjijiet jew mingħajrhom;
- kooperazzjoni mas-settur privat, ix-xandara u mezzi tax-xandir oħra bħala msieħba għat-tixrid tal-informazzjoni dwar is-Sena Ewropea tal-Volontarjat;
- il-produzzjoni ta' materjal jew għodda għall-mezzi tax-xandir disponibbli madwar il-Komunità kollha maħsuba li jistimulaw l-interess tal-pubbliku;
- miżuri xierqa li jħabbru r-riżultati u jagħtu spinta lill-programmi, l-iskemi u l-inizjattivi Komunitarji li jikkontribwixxu għall-għanijiet tas-Sena Ewropea tal-Volontarjat;
- it-twaqqif ta' websajt informattiv dwar l-Ewropa, inkluż portal għal min jippromwovi l-proġetti dwar volontarjat, biex jiggwidahom fil-programmi u inizjattivi differenti tal-Komunità.

**2.** ***L-inizjattivi l-oħra:***

- stħarriġ u studji fil-livell ta' Komunità għall-istima u r-rappurtar dwar it-tħejjija, l-effettività, l-impatt u l-monitoraġġ fit-tul tas-Sena Ewropea tal-Volontarjat.

**B. IL-KOFINANZJAMENT TAL-INIZJATTIVI TAL-KOMUNITÀ**

Okkażjonijiet ta' viżibilità għolja fuq skala Ewropea li għandhom l-iskop li jqajmu l-għarfien tal-opinjoni pubblika dwar l-għanijiet tas-Sena Ewropea tal-Volontarjat, possibilment organizzati b'kooperazzjoni mal-Presidenzi fil-kariga matul l-2011, jistgħu jirċievu għtja tal-Komunità li ma taqbiżx it-80 % tal-ispiża totali.

**C. IL-KOFINANZJAMENT TAL-INIZJATTIVI NAZZJONALI**

Kull koordinatur Nazzjonali għandu jippreżenta applikazzjoni waħda għall-finanzjament Komunitarju. L-applikazzjoni għall-għotja għandha tiddeskrivi l-programm ta' ħidma tal-koordinatur jew l-azzjoni li għandha tiġi finanzjata u għandha tippromwovi s-Sena Ewropea. L-applikazzjoni għall-għotja għandha tkun akkumpanjata minn baġit dettaljat li jistipula l-ispejjeż totali tal-inizjattivi/il-programm ta' ħidma proposti u l-ammont u s-sors ta' kofinanzjament. L-għotja tal-Komunità tista' tkopri sa 80 % tal-ispejjeż totali.

Il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-ammonti indikattivi disponibbli għal għotjiet lil kull koordinatur Nazzjonali u l-iskadenza finali taż-żmien għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet. Il-kriterji għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-popolazzjoni, l-ispiża tal-għajxien u ammont fiss għal kull Stat Membru biex jiggarantixxu livell minimu ta' attivitajiet.

L-ammonti finali mogħtija għandhom jiġu determinati fuq il-bażi tal-appilkazzjonijiet individwali tal-għotjiet imressqa mill-korp nazzjonali ta' koordinazzjoni. Il-kofinanzjament Komunitarju massimu huwa stabbilit għal 80 % tal-ispiża totali eliġibbli.

Il-programmi ta' ħidma/l-azzjonijiet għandhom jinkludu:

(a) Laqgħat u okkażjonijiet marbuta mal-għanijiet tas-Sena Ewropea, inklużi okkażjonijiet nazzjonali għat-tnedija u l-promozzjoni tas-Sena Ewropea, joħolqu effett katalista u jipprovdu spazji miftuħa għal dibattitu dwar inizjattivi konkreti.
(b) Seminars ta' tagħlim reċiproku fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali;
(c) Kampanji ta' informazzjoni, ta' edukazzjoni u ta' promozzjoni fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, inkluża l-organizzazzjoni tal-premjijiet u l-kompetizzjonijiet;
(d) Kooperazzjoni mal-mezzi tal-massa;

**D. INIZJATTIVI LI MA JIBBENEFIKAW MILL-EBDA GĦAJNUNA FINANZJARJA KOMUNITARJA**

Il-Komunità għandha tagħti appoġġ mhux finanzjarju, inkluża l-awtorizzazzjoni bil-miktub għall-użu tal-logo, meta dan ikun lest, u materjali oħra assoċjati mas-Sena Ewropea tal-Volontarjat, għal inizjattivi mwettqa minn organizzazzjonijiet pubbliċi jew privati, sakemm dawn jagħtu garanzija lill-Kummissjoni li l-inizjattivi kkonċernati jitwettqu jew għandhom jitwettqu matul is-sena 2011 u huma probabbli li jagħmlu kontribut sinifikanti għall-kisba tal-għanijiet tas-Sena Ewropea tal-Volontarjat.

# ID-DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. ISEM IL-PROPOSTA:

Is-Sena Ewropea tal-Volontarjat

## 2. QAFAS ABM / ABB

Qasam ta’ Politika: L-Edukazzjoni u l-Kultura

L-Attività: Is-Sena Ewropea tal-Volontarjat

## 3. LINJI BAĠITARJI

### 3.1. Linji tal-baġit (linji operattivi u linji relatati ta’ assistenza teknika u amministrattiva (ex-linji BA), inklużi l-intestaturi tagħhom:

15 06 11

### 3.2. It-tul ta’ żmien tal-azzjoni u tal-impatt finanzjarju:

01.01.2011 – 31.12.2011

### 3.3. Karatteristiċi baġitarji:

| Il-linja tal-baġit | It-tip ta' nfiq | | Ġdid | Kontribuzzjoni tal-EFTA | Kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi applikanti | L-intestatura fil-perspettiva finanzjarja |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 15 06 11 | Mhux obbligatorju | Diff[17] | IVA | LE | LE | [3B] |

[17] Approprjazzjonijiet differenzjati

## 4. ĠABRA FIL-QOSOR TAR-RIŻORSI

### 4.1. Ir-riżorsi finanzjarji

#### *4.1.1. Ġabra fil-qosor tal-approprjazzjonijiet ta' impenji (CA) u l-approprjazzjonijiet tal-ħlasijiet (PA)*

f'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

| It-tip ta' nfiq | It-Taqsima nru. | | Sena 2011 | 2012 | Is-sena n + 2 | Is-sena n + 3 | Is-sena n + 4 | n + 5 u wara | It-total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-infiq operattiv[18]** | | | | | | | | | |
| L-Approprjazzjonijiet tal-Impenn (AI) | 8.1. | a | 6.000 | | | | | | 6.000 |
| L-Approprjazzjonijiet tal-Ħlas (AĦ) | | b | 4.000 | 2.000 | | | | | 6.000 |
| **Nefqa amministrattiva inkluża fl-ammont ta' referenza[19]** | | | | | | | | | |
| L-għajnuna teknika u amministrattiva (AMD) | 8.2.4. | c | | | | | | | |
| **AMMONT TOTALI TA' REFERENZA** | | | | | | | | | |
| **L-Approprjazzjonijiet tal-Impenn** | | a+c | **6.000** | | | | | | **6.000** |
| **L-Approprjazzjonijiet tal-Ħlas** | | b+c | **4.000** | **2.000** | | | | | **6.000** |
| **Nefqa amministrattiva <u>mhux</u> inkluża fl-ammont ta' referenza[20]** | | | | | | | | | |
| Ir-riżorsi umani u l-infiq li għandu x'jaqsam magħhom (AMD) | 8.2.5. | d | 0.674 | 0.186 | | | | | 0.860 |
| L-ispejjeż amministrattivi, minbarra r-riżorsi umani u l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu magħhom, mhux inklużi fl-ammont ta' referenza (AMD) | 8.2.6. | e | 0.106 | 0.019 | | | | | 0.125 |

**L-ispiża finanzjarja totali indikattiva tal-intervent[21]**

---

18 Nefqa li ma taqax taħt il-Kapitolu 15 01 tat-Titolu 15 ikkonċernat.
19 Nefqa fi ħdan l-Artikolu 15 01 04 tat-Titolu 15.
20 Nefqa taħt kapitolu 15 01 minbarra artikoli 15 01 04 jew 15 01 05.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL AI, inklużi spejjeż ta' Riżorsi Umani** | | a+ċ +d +e | 6.780 | 0.205 | | | | | 6.985 |
| **TOTAL AĦ, inklużi spejjeż ta' Riżorsi Umani** | | b+ċ +d +e | 4.780 | 2.205 | | | | | 6.985 |

**Dettalji tal-kofinanzjament**

F’każ li l-proposta tinvolvi kofinanzjament mill-Istati Membri, jew minn entitajiet oħrajn (jekk jogħġbok speċifika liema), għandha tiġi indikata stima tal-livell ta’ dan il-kofinanzjament fit-tabella t'hawn taħt (jistgħu jiżdiedu aktar linji f’każ li entitajiet differenti huma previsti għall-għoti tal-kofinanzjament):

*f'miljuni ta’ EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)*

| L-entità tal-kofinanzjament | | Is-sena 2011 | Sena 2012 | Is-sena n + 2 | Is-sena n + 3 | Is-sena n + 4 | Is-sena n + 5 u wara | It-total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Stati Membri | f | 0.675 | 0.000 | | | | | 0.675 |
| It-TOTAL tal-AI, inkluż il-kofinanzjament | a+c +d+ e+f | 7.455 | 0.205 | | | | | 7.660 |

*4.1.2. Il-kompatibbiltà mal-Ipprogrammar Finanzjarju*

**X** Il-proposta hija kompatibbli mal-ipprogrammar finanzjarju eżistenti.

☐ Il-proposta se tkun teħtieġ l-ipprogrammar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-perspettiva finanzjarja.

☐ Il-proposta tista' teħtieġ applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali[22] (jiġifieri l-istrument tal-flessibilità jew ir-reviżjoni tal-perspettiva finanzjarja).

*4.1.3. L-impatt finanzjarju fuq id-Dħul*

**X** Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja fuq id-dħul.

☐ Il-proposta għandha impatt finanzjarju — l-effett fuq id-dħul huwa kif ġej:

---

[21] Il-Kummissjoni għamlet proposta fl-abbozz preliminari tal-baġit għas-sena 2010 biex tattribwixxi EUR 2,000,000 għal azzjonijiet preparatorji tas-sena. Riżorsi umani adegwati se jkunu allokati fl-2010 għal dawn l-azzjonijiet preparatorji.

[22] Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

## 4.2. Ir-Riżorsi Umani tal-FTE (inklużi l-uffiċjali, u l-persunal temporanju u estern) – ara d-dettalji fil-punt 8.2.1.

| **Ir-rekwiżiti annwali** | 2011 | 2012 | Is-sena n + 3 | Is-sena n + 4 | n + 5 u wara |
|---|---|---|---|---|---|
| L-għadd totali tar-riżorsi umani | 6 | 2 | | | |

# 5. IL-KARATTERISTIĊI U L-GĦANIJIET

## 5.1. Ħtieġa li għandha tintlaħaq fi żmien qasir jew fit-tul

Il-volontarjat għandu l-potenzjal li jikkontribwixxi għall-iżvilupp armonizzat tas-soċjetajiet Ewropej minħabba li huwa espressjoni frekwenti tal-parteċipazzjoni ċivika.

L-Ewropa għandha tradizzjoni b'saħħitha tal-volontarjat, ħafna drabi bbażata fuq is-sħubija fl-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Waqt l-aħħar deċenji, il-parteċipazzjoni ċivika għaddiet minn tibdil sinifikanti minħabba li s-soċjetajiet imxew lejn individwaliżmu akbar. Dan il-fenomenu huwa sfida għall-volontarjat, minħabba li s-settur issa jrid jadatta għal tipi u forom ġodda ta' parteċipazzjoni.

## 5.2. Valur miżjud tal-intervent tal-Komunità, kompatibbiltà tal-proposta ma' strumenti finanzjarji oħra u sinerġija possibbli

L-għanijiet tas-Sena Ewropea ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti bl-azzjoni tal-Istati Membri biss, minħabba li l-azzjoni f'livell nazzjonali biss ma tibbenefikax mid-dimensjoni Ewropea ta' skambji u esperjenzi u prassi tajba bejn l-Istati Membri mmirati biex jippromwovu l-volontarjat.

Is-Sena Ewropea se tikkostitwixxi opportunità għall-mobilizzazzjoni tal-programmi u l-azzjonijiet rilevanti tal-Komunità bħall-Ewropa għaċ-Ċittadini, Żgħażagħ għall-Ewropa u t-Tagħlim tul il-Ħajja u oħrajn fl-2011 sabiex iżżid il-viżibilità ġenerali u l-impatt ta' dawn l-azzjonijiet f'din is-Sena. Dan se jippermetti l-promozzjoni ta' immaġni koerenti tal-multipliċità ta' proġetti tal-Komunità fil-qasam tal-volontarjat kemm ġewwa u kemm barra l-Komunità, filwaqt li jimmassimizza l-iżvilupp ta' sinerġiji bejn il-programmi.

## 5.3. L-għanijiet, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi relatati mal-proposta fil-kuntest tal-qafas tal-ABM

| • Għanijiet | Riżultati mistennija | Indikaturi indikattivi |
|---|---|---|
| • Naħdmu lejn tisħiħ tal-ambjent għall-volontarjat fl-UE. | • Is-Sena Ewropea tal-Volontarjat għandha tagħti kontribut għal aktar żvilupp fil-politika;<br>• Beda djalogu fl-Istati Membri dwar il-kwistjonijiet tal- | • Għarfien u ideat ġodda li żviluppaw bl-għajnuna ta' din is-Sena;<br>• Għadd ta' prattiki identifikati tajbin; Djalogu ġdid dwar il-volontarjat fil-/bejn l-Istati Membri; |

| | | |
|---|---|---|
| | volontarjat;<br><br>• Beda djalogu bejn l-Istati Membri tal-UE u l-imsieħba dinjija tal-Ewropa li għadhom qed jiżviluppaw. | • Sessjonijiet ta' djalogu organizzati u għadd ta' prattiċi identifikati tajbin. |
| • Tingħata s-setgħa lil organizzazzjonijiet volontarji u li titjieb il-kwalità tal-volontarjat; | • (Aċċess għal) volontarjat hu ffaċilitat;<br><br>• Biex iħeġġu il-kooperazzjoni tan-netwerking, skambji u sinerġiji bejn l-organizzazzjonijiet tal-volontarjat u setturi oħrajn.<br><br>• Aktar kontribuzzjonijiet għal organizzazzjonijiet volontarji; | • Għadd ta' organizzazzjonijiet li rċevew ispirazzjoni ġdida għal miżuri ta' organizzazzjoni li jimmiraw li jgħollu l-kwalità ta' skemi volontarji;<br><br>• Il-grad ta' intensità ta' netwerking, il-kooperazzjoni u sinerġiji bejn l-organizzazzjonijiet tal-volontarjat u setturi oħrajn;<br><br>• Għadd ta' organizzazzjonijiet voluntiera li sabu sħab ġodda; |
| • Ikkumpensa u rrikonoxxi l-attivitajiet tal-volontarjat; | • Dawk li jfasslu l-politika, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, dawk li aktarx iħaddmu u l-pubbliku b'mod ġenerali jipprovdu (aktar) rikonoxximent lill-volontarjat;<br><br>• L-impatt li wieħed ikun voluntier tal-kapaċitajiet u l-kompetenzi tal-voluntiera hu rikonoxxut aħjar. | • Għadd ta' inizjattivi minn dawk li jfasslu l-politika, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u min iħaddem jindikaw rikonoxximent aħjar tal-volontarjat;<br><br>• L-użu ta' sistemi ġodda ta' rikonoxximent tal-kapaċitajiet u l-kompetenzi miksuba permezz tal-volontarjat; |
| • Qajmien ta' kuxjenza tal-importanza tal-volontarjat bħala espressjoni ta' parteċipazzjoni ċivika | • Il-viżibilità tal-volontarjat u l-valur tiegħu għall-individwu u s-soċjetà Ewropea tiżdied<br><br>• Tiżdied il-kuxjenza kemm fl-Ewropa u f'pajjiżi sħab tal-valur tal-volontarjat. | • Persentaġġ tal-parteċipanti fis-Sena Ewropea jgħidu li s-Sena Ewropea tejbet il-perċezzjoni tagħhom dwar il-volontarjat;<br><br>• L-estent u t-ton tal-kopertura mill-istampa u l-mezzi tax-xandir tas-Sena stess u tal-avvenimenti u tal-inizjattivi appoġġjati (kwalitattiva u kwantitattiva |

### 5.4. Il-metodu tal-implimentazzjoni (indikattiv)

Ġestjoni ċentralizzata: għotjiet u akkwist pubbliku organizzati mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tista' tagħti għotjiet diretti mingħajr sejħa għall-proposti lis-setturi pubbliċi nazzjonali korpi/korpi b'missjoni pubblika ta' servizz.

## 6. IL-MONITORAĠĠ U L-EVALWAZZJONI

### 6.1. Is-sistema tal-monitoraġġ

It-tfassil tal-qafas ta' monitoraġġ se tkun responsabbli l-aktar tiegħu l-Kummissjoni b'konsultazzjoni mal-Istati Membri. Is-sistema ta' monitoraġġ għandha tkun koerenti mad-dejta meħtieġa biex tipprovdi l-indikaturi (taqsima 3.3).

Studju estern dwar il-volontarjat fl-Ewropa se jitnieda fl-2009 biex jiġbor dejta bażika li tista' tintuża biex tissorvelja l-implimentazzjoni tas-sena u l-impatt tiegħu.

### 6.2. L-evalwazzjoni

*6.2.1. L-evalwazzjoni minn qabel*

L-evalwazzjoni minn qabel twettqet waqt l-ewwel trimestru tal-2009. Din ikkonkludiet li s-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011 se tfittex li żżid l-għarfien tal-valur miżjud tal-volontarjat fil-livelli kollha – l-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali – u biex ittejjeb il-kwalità u l-qafas tal-politika tal-volontarjat. B'dan il-mod, din se tindirizza sfidi kurrenti, li s-soċjetajiet Ewropej qed jiffaċċjaw.

Fuq il-bażi ta' tqabbil bejn għażliet differenti għall-implimentazzjoni, l-evalwazzjoni minn qabel tirrakkomanda l-għażla ta' azzjoni ċentralizzata f'livell Komunitarju mal-assoċjazzjoni tal-Istati Membri. Din se tinkoraġġixxi wkoll l-involviment tas-soċjetà ċivili.

Din l-għażla għandha l-potenzjal li tikseb impatt politiku sinifikanti f'livell nazzjonali u Ewropew fil-kontribut għall-iżvilupp ta' tisħiħ tal-ambjent għall-volontarjat fl-Unjoni Ewropea.

*6.2.2. Miżuri meħuda wara evalwazzjoni intermedjarja/ta' wara (tagħlimiet minn esperjenzi simili fl-imgħoddi)*

L-esperjenza ta' qabel kif indikata fl-evalwazzjoni ta' wara tas-Sena Ewropea ta' Edukazzjoni permezz tal-Isport[23] turi li s-Snin Ewropej:

- urew li huma strument effiċjenti fit-tqegħid tal-kwistjonijiet politiċi Ewropej fl-ewwel post fuq l-aġenda tal-politika. Il-livell ta' sehem fi ħdan perjodu ta' żmien limitat kien ta' għajnuna biex jinkiseb l-appoġġ politiku u jwitti t-triq għal **impenji politiċi** usa'.
- huma mfassla biex jinvolvu firxa ta' partijiet interessati bil-ħsieb li jippubblikaw, jiddibattu, u jiskambjaw il-fehmiet dwar suġġett speċifiku. Dawn huma għalhekk għodda effettiva biex tqajjem **l-għarfien**.
- huma strumenti effiċjenti fil-ħolqien ta' **sinerġiji** bejn l-oqsma differenti ta' intervent u f'livelli tal-UE, l-Istati Membri u reġjonali/lokali;

[23] "Evaluation externe (ex post) de l'année européenne de l'éducation par le sport AEES 2004"

- x'aktarx li għandhom iżjed valur miżjud meta mqabbla mal-interventi individwali mill-Istati Membri. Dan kien ukoll importanti fil-ħolqien ta' momentum politiku u fil-kontribut lejn **bidla fil-politika**.

*6.2.3. It-termini u l-frekwenza tal-evalwazzjoni fil-ġejjieni*

L-approċċ adottat se jkun wieħed ta' evalwazzjoni kontinwa segwit minn valutazzjoni tal-implimentazzjoni u l-impatt tas-Sena.

Ir-riżultati tal-evalwazzjoni għandhom ikunu disponibbli minn nofs l-2012. Dan l-arranġament se jippermetti lill-Kummissjoni biex tirrapporta lill-istituzzjonijiet tal-UE sal-aħħar tal-2012.

## 7. IL-MIŻURI KONTRA L-FRODI

Il-Kummissjoni trid tiżgura li, meta l-azzjonijiet iffinanzjati skont id-Deċiżjoni preżenti jkunu implimentati, l-interessi finanzjarji tal-Komunità jkunu mħarsa bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attivitajiet illegali oħra, permezz ta' kontrolli effettivi u bil-ġbir lura tal-ammonti mħallsa meta mhux dovuti u, jekk jinstabu xi irregolaritajiet, permezz ta' pieni effettivi, proporzjonali u disważivi, b'konformità mar-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 u (Euratom, KE) Nru 2185/96, u mar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Għall-azzjonijiet Komunitarji li jkunu ffinanzjati skont din id-Deċiżjoni, irregolarità kif imsemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 għandha tfisser kull ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi Komunitarja jew kull ksur ta' obbligu kuntrattwali li jkun ġej minn att jew ommissjoni minn operatur ekonomiku, li jkollu, jew jista' jkollu, l-effett li jippreġudika l-baġit ġenerali tal-Komunitajiet jew il-baġits ġestiti minnhom, minħabba element ta' nefqa mhux iġġustifikat.

## 8. ID-DETTALJI TAR-RIŻORSI

### 8.1. L-għanijiet tal-proposta skont l-ispiża finanzjarja tagħhom

*L-approprjazzjonijiet tal-impenn f'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)*

| (Għandhom jitniżżlu t-titli tal-Għanijiet, l-azzjonijiet u r-riżultati) | It-tip ta' riżultat | L-ispiża medja | Is-sena 2011 | | Is-sena n+1 | | Is-sena n+2 | | IT-TOTAL | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | L-għadd ta' riżultati | L-ispiża totali | L-għadd ta' riżultati | L-ispiża totali | L-għadd ta' riżultati | L-ispiża totali | L-għadd ta' riżultati | L-ispiża totali |
| **Tisħiħ fl-ambjent** | | | | | | | | | | |
| Strutturi nazzjonali (20% kofinanzjament nazzjonali) | | 0,100 | 27 | 2,700 | | | | | 27 | 2,700 |
| Konferenza tematika | | 0,350 | 1 | 0,350 | | | | | 1 | 0,350 |
| Evalwazzjoni | | 0,250 | 1 | 0,250 | | | | | 1 | 0,250 |
| **Sub-total tal-Għan 1** | | | 29 | 3,300 | | | | | 29 | 3,300 |
| **Is-setgħa** | | | | | | | | | | |
| Konferenza tematika | | 0,350 | 1 | 0,350 | | | | | 1 | 0,350 |
| **Sub-total tal-Għan 2** | | 0,350 | 1 | 0,350 | | | | | 1 | 0,350 |
| **Rikonoxximent** | | | | | | | | | | |
| Konferenza tematika | | 0,350 | 1 | 0,350 | | | | | 1 | 0,350 |
| **Sub-total tal-Għan 3** | | 0,350 | 1 | 0,350 | | | | | 1 | 0,350 |
| **Sensibilizzazzjoni** | | | | | | | | | | |
| Kampanja għall-komunikazzjoni | | 1,500 | 1 | 1,500 | | | | | 1 | 1,500 |
| Konferenza finali | | 0,500 | 1 | 0,500 | | | | | 1 | 0,500 |
| **Sub-total tal-Għan 4** | | 2,000 | 2 | 2,000 | | | | | 2 | 2,000 |
| **L-ISPIŻA TOTALI** | | | 33 | 6,000 | | | | | 33 | 6,000 |

## 8.2. L-Infiq Amministrattiv

### *8.2.1. Numru u tip ta' riżorsi umani*

| It-tipi ta' karigi | | Impjegati għall-ġestjoni tal-azzjoni bl-użu tar-riżorsi eżistenti u/jew supplimentari (**għadd ta' karigi/ETP**) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Is-sena 2011 | Is-sena 2012 | Is-sena n+2 | Is-sena n+3 | Is-sena n+4 | Is-sena n+5 |
| Uffiċjali jew persunal temporanju[24] (15 01 01) | A*/AD | 3 | 0,5 | | | | |
| | B*, C*/AST | 2 | 0,5 | | | | |
| Persunal iffinanzjat[25] permezz tal-Art.15 01 02 | | 1 | 1 | | | | |
| Persunal ieħor[26] iffinanzjat taħt l-Art. 15 01 04/05 | | | | | | | |
| **IT-TOTAL** | | 6 | 2 | | | | |

### *8.2.2. Deskrizzjoni tal-ħidmiet imnissla mill-azzjoni*

Uffiċjali A: animazzjoni tas-Sena Ewropea fil-livell Ewropew u b'relazzjoni mal-koordinaturi nazzjonali, kumitat, tfassil ta' stediniet għall-offerti, għotjiet ta' monitoraġġ għall-Istati Membri, kampanji informattivi, avvenimenti, studji, komunikazzjoni, segwitu ta' politika.

Uffiċjali B: monitoraġġ finanzjarju ta' offerti u għotjiet, għajnuna ġenerali lill-uffiċjali A fil-ħidmiet kollha.

Uffiċjali C: għajnuna fil-ħidmiet kollha msemmija hawn fuq.

### *8.2.3. Is-sorsi tar-riżorsi umani (statutorji)*

Meta jiġi ddikjarat aktar minn sors wieħed, jekk jogħġbok indika n-numru ta' postijiet li joriġinaw minn kull wieħed mis-sorsi.

6 Karigi li għandhom jitqassmu mill-ġdid bl-użu tar-riżorsi eżistenti fi ħdan is-servizz ta' ġestjoni (tqassim intern mill-ġdid)

Il-ħtiġijiet għal riżorsi umani u amministrattivi għandhom ikunu koperti fi ħdan l-allokazzjoni li tista' tingħata lid-DĠ responsabbli għall-ġestjoni fil-qafas tal-proċedura annwali ta' allokazzjoni fid-dawl tal-limiti baġitarji.

---

24 Li l-ispiża tiegħu MHIX koperta mill-ammont ta' referenza
25 Li l-ispiża tiegħu MHIX koperta mill-ammont ta' referenza
26 Li l-ispiża tiegħu hija inkluża fl-ammont ta' referenza

8.2.4. *Spejjeż amministrattivi oħra inklużi fl-ammont ta' referenza (XX 01 04/05 – Nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva)*

f'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

| Il-linja tal-baġit<br><br>(in-numru u l-intestatura) | Is-sena n | Is-sena n+1 | Is-sena n+2 | Is-sena n+3 | Is-sena n+4 | Is-sena n+5<br><br>u wara | IT-TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **1 L-għajnuna teknika u amministrattiva (inklużi l-ispejjeż relatati mal-persunal)** | | | | | | | |
| L-aġenziji eżekuttivi[27] | | | | | | | |
| Għajnuna teknika u amministrattiva oħra | | | | | | | |
| -*intra muros* | | | | | | | |
| -*extra muros* | | | | | | | |
| **It-total tal-għajnuna teknika u amministrattiva** | | | | | | | |

8.2.5. *Spiża finanzjarja tar-riżorsi umani u spejjeż assoċjati <u>mhux</u> inklużi fl-ammont ta' referenza*

f'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

| It-tip ta' riżorsi umani | Is-Sena 2011 | Is-Sena 2012 | Is-Sena n+2 | Is-Sena n+3<br><br>u wara |
|---|---|---|---|---|
| Uffiċjali u aġenti temporanji (15 01 01) | 0,610 | 0,122 | | |
| Il-persunal iffinanzjat mill-Artikolu 15 01 02 (awżiljarju, END, persunal bil-kuntratt, eċċ.)<br><br>(speċifika l-linja tal-baġit) | 0,064 | 0,064 | | |
| **L-ispiża totali tar-Riżorsi Umani u tal-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu magħha (li MHUMIEX inklużi fl-ammont ta' referenza)** | **0,674** | **0,186** | | |

[27] Għandha ssir referenza għad-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva speċifika għall-Aġenzija/i Eżekuttiva/i kkonċernata/i.

Kalkolu – ***Uffiċjali u Aġenti temporanji***

Għandha ssir referenza għall-punt 8.2.1, jekk ikun meħtieġ

Fl-2011: 5 x 122,000 €/sena = 610,000 €

Fl-2012: 1 x 122,000 €/sena = 122,000 €

Kalkolu -***Persunal iffinanzjat taħt l-Artikolu 15 01 02***

Għandha ssir referenza għall-punt 8.2.1 jekk ikun meħtieġ

fl-2011 u fl-2012: 1 x 64,000 €/sena = 64,000 €

Il-ħtiġijiet għal riżorsi umani u amministrattivi għandhom ikunu koperti fi ħdan l-allokazzjoni li tista' tingħata lid-DĠ responsabbli għall-ġestjoni fil-qafas tal-proċedura annwali ta' allokazzjoni fid-dawl tal-limiti baġitarji.

*8.2.6 Infiq amministrattiv ieħor mhux inkluż fl-ammont ta' referenza*

f'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

| | Is-sena 2011 | Is-sena 2012 | Is-sena n+2 | Is-sena n+3 u wara | IT-TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|
| 15 01 02 11 01 – Missjonijiet | 0,049 | 0,000 | | | 0,049 |
| 15 01 02 11 02 – Laqgħat u Konferenzi | 0,057 | 0,019 | | | 0,076 |
| 15 01 02 11 03 - Kumitati[28] | 0,000 | 0,000 | | | 0,000 |
| 15 01 02 11 04 – Studji u konsultazzjonijiet | 0,000 | 0,000 | | | 0,000 |
| 15 01 02 11 05 – Sistemi tal-Informazzjoni | 0,000 | 0,000 | | | 0,000 |
| **2 Total ta' Nfiq Amministrattiv Ieħor (15 01 02 11)** | **0,106** | **0,019** | | | **0,125** |
| **3 Infiq ieħor ta' natura amministrattiva** (speċifika u inkludi r-referenza għal-linja tal-baġit) | 0,000 | 0,000 | | | 0,000 |
| **It-total tal-infiq amministrattiv, minbarra r-riżorsi umani u l-ispejjeż li** | | | | | **0,125** |

[28] Speċifika t-tip ta' kumitat u l-grupp li jagħmel parti minnu.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **għandhom x'jaqsmu magħhom (MHUX inklużi fl-ammont ta' referenza)** | **0,106** | **0,019** | | | |

| |
|---|
| Kalkolu – ***Infiq ieħor amministrattiv li <u>mhux</u> inkluż fl-ammont ta' referenza*** <br><br> Missjonijiet: <br><br> 2 missjonijiet x 27 Stat Membru x 900 € = 48,600 € (100 % fl-2011) <br><br> Laqgħat u Konferenzi (netwerk ta' koordinaturi nazzjonali): <br><br> 4 laqgħat x 27 Stat Membru x 700 € = 75,600 € (75 % fl-2011 u 25 % fl-2012) |

Il-ħtiġijiet għal riżorsi umani u amministrattivi għandhom ikunu koperti fi ħdan l-allokazzjoni li tista' tingħata lid-DĠ responsabbli għall-ġestjoni fil-qafas tal-proċedura annwali ta' allokazzjoni fid-dawl tal-limiti baġitarji.